illum
20c
5 ta' Novembru 2006 · Nr 1
www.illum.com.mt

MELFAR
'Give your life a lift'
ACORN
Tel: 21 343 028





**Dusan Fitzel**
**Kowċ ta' Malta**

paġni 37-38

Il-monologi ta' Molly. Serje ta' novelli minn Immanuel Mifsud, b'xejn kull nhar ta' Ħadd f'Illum. Iġbor l-ewwel parti illum.



**TONI U PEPPI DWAR FENECH ADAMI**

paġni 10-11



# DAQSHEKK KAĊĊA FIR-REBBIEGĦA

**Il-kaċċa kif jafuha eluf ta' dilettanti se tispiċċa wara li l-kumitat appuntat mill-gvern biex jiddeċiedi meta għandu jiftaħ u jagħlaq l-istaġun, b'vot sigriet qatagħha li l-kaċċa fuq l-art għandha tieqaf wara l-20 ta' Jannar. Id-deċiżjoni li ħa l-kumitat Ornis tfisser li l-kaċċa fir-rebbiegħa għandha tispiċċa darba għal dejjem wara għexieren ta' snin.**

*Tkompli f'paġna 5*

## Faqar fi Smart Malta

**"Ngħix waħdi bir-relief bi tlett itfal żgħar miegħi. Il-bieraħ għallejt pakkett għaġin b'bott kunserva miegħu u qsamnieh bejnietna."**

Vuċi soda ta' omm li ma tgħoddx aktar minn 35 sena. Idejn il-mara mfella bil-ħasil tal-art iwarrbu barmil taż-żingu. Tixxotta jdejha fil-qalziet mhaxken magħha u terġa tibda tkellimni.

"Kif tista' tlaħħaq! Kontijiet, ikel, mediċini, it-telefon. Għadu kemm ġie l-kont tad-dawl u l-ilma'.

Din hi realta oħra f'Malta tal-lum li ftit li xejn nisimgħu biha. Bejni u bejn ruħi nikkalkula li din il-familja tista' tkun waħda minn dawk il-familji li se jibdew igawdu mill-iskema tal-kupuni mħabbra fil-baġit. Minn dak li tgħidli l-mara ma tikkwalifika għall-ebda żidiet imħabbra fir-rati tal-income tax għax hi la taħdem u l-anqas hija miżżewwġa.

***Tkompli f'paġna 4***
***Ara wkoll l-intervista ma' Fr Joe Mifsud paġni 20-21***

## Blu film Malti b'tfajla taħt l-eta

**Julia Farrugia**

**Blu film li juri żewġ żgħażagħ Maltin waqt sessjoni ta' 42 minuta sess u li bħalissa qed jiċċirkola fuq l-idejn qed ikun investigat mill-pulizija wara li rriżulta li t-tfajla hi taħt l-eta u kienet iffilmjata mingħajr ma taf.**

Il-bieraħ il-pulizija interrogat għadd ta' persuni fuq il-każ li qed ikun meqjus bħala stil ġdid ta' pornografija li qed jinfirex fis-suq Malti.

Fost il-persuni interrogati hemm żewġ żgħażagħ li jidhru fuq id-DVD li hadmu huma stess u li qed jiċċirkola fl-idejn. Fil-filmat wieħed mill-ġuvintur f'dan il-film pornografiku jiddikjara li ż-żewġ żgħażagħ se jkunu qed jaħdmu dan il- film minn wara daħar l-istess tfajla.

Mill-ewwel investigazzjonijiet tal-pulizija ġie stabbilit ukoll li t-tfajla hija minorenni.

*Tkompli f'paġna 6*

ALBERT BICHOT
*Inbid ta' kwalita' minn Franza...*
another great product imported & distributed by mirachem marketing ltd. tel: 2144 3545. e-mail: info@mirachemltd.com

